**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 27 ta` Mejju 2024**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Juanita Fenech**

**Kump Nu: 684/2012**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputata **Juanita Fenech** ta' 51 sena mart Mario Fenech, u bint George Borg Cardona u Jennifer nee Rizzo, imwielda Floriana fl-4 ta' Frar 1961, u residenti 'Villa Edwidge', Triq is-Sienja, Attard, detentrici tal-karta ta' identita' numru **148761(M)** giet akkuzata talli:-

1. F'Gunju 2012 u fix-xhur u snin ta qabel f'dawn il-gzejjer xjentement ghamlet uzu minn kitba jew skrittura falza ai termini ta' l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni jew ghamlet uzu minn dokument iehor falsifikat ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi biex tiehu licenzja ta' vettura bil-mutur, jew biex tiehu certifikat ta' assigurazzjoni taht din l-Ordinanza ghamlet dikjarazzjoni falza jew hbiet informazzjoni sostanzjali, ai termini ta` l-Artikolu 19 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali tal-ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali datat 5 ta' Lulju 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet sottomissjonijiet u qieset n-nota tad-difiza pprezentata fl-udjenza tat-08.03.2023;

**Ikkunsidrat**;

Illi fil-qosor, dak li rrizulta f'dan il-procediment kien is-segwenti.

Xehed l-**ispettur Maurice Curmi** nhar it-3 ta' Dicembru 2012[1] fejn dan stqarr li f'ittra datata 21 ta' Gunju 2011 mibghuta lilu minn Dr Kathleen Grima f'isem il-Percius Car Hire gie irrapurtat li Juanita Fenech u cioe l-imputata, kienet ghamlet, allegatament, xi dikjarazzjoni falza fuq *motor insurance proposal form* li giet sottomessa lil Atlas Insurance. Din il-proposal form kienet tirrigwarda vettura tal-ghamla Peugeot 207 bin-numru ta' registrazzjoni EBK – 637 u kompliet tghid li s-sidien ta' din il-vettura kienu l-klijenti taghha jigifieri

1 Xehed a fol. 8

‘Percius Car Hire ltd’. Fl-ittra kompliet tghid li l-imputata kienet fil-pussess ta’ din il-karozza, u fejn Percius Car Hire Ltd ripetutament jitolbuha biex tatihom din il-vettura lura. Kompliet tghid li l-insurance u r-road license kienu ser jiskadu fil-31 ta’ Mejju 2011 u sa dak inhar kienet inxurjata ma Elmo Insurance.

Il-kwerelanti kompliet tghidlu li kienu ilhom ghaddejjin b’korrispondenza ghal zmien twil bejn l-avukat taghha u l-avukat tal-Percius Car Hire sabiex jaraw issibux soluzzjoni ghal din il-vettura u sahansitra l-avukat taghha kien talab lil Percius Car Hire sabiex igedded il-licenzja tal-vettura u anki tal-insurance. Kompliet tghid li xi zmien wara li ghalqet din il-polza u l-licenzja tal-vettura, il-klijenti taghha skoprew illi b’xi mod din il-licenzja kienet giet imgedda u kif ukoll l-insurance ta’ din il-vettura minkejja illi huma sidien u huma biss setghu jghamlu dan.

Jidher ili dan sar minghajr il-kunsens tal-Percius Car Hire. Fil-frattemp, Dr Kathleen Grima kienet indikat fl-ittra illi ta` l-inqas, Juanita Fenech kienet ghamlet erba’ dikjarazzjonijiet foloz f’din il-Motor Insurane Proposal Form li kienet iffirmat u li giet sottomessa lil Atlas Insurance. F’din il-formola kienet iddikjarat illi kienet the sole owner tal-vettura in kwistjoni, kienet qalet illi qatt ma kienet giet imressqa l-Qorti  jew inkella qatt ma kellha convictions mill-Qorti jew li kien hemm pending prosecutions, biss meta kellha wahda tal-inqas, u anki ukoll li kienet iddikjarat li qatt ma kienet involuta f’incident tat-traffiku meta fil-fatt kienet ukoll u kienet involuta f’incident fis-7 ta’ April 2011 u anke kienet iddikjarat illi l-karozza kienet in a good state of repair meta fil-fatt ma kienitx ghax kienet ghada ma gietx irrangata mid-daqqa li kienet hadet fis-7 ta’ April 2011.

F’dan l-istadju Dr Kathleen Grima ghan-nom tal-Percius Car Hire ltd talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jittiehdu passi necessarji kontra Juanita Fenech.

Huwa sadanittant kien iccekkja ma Transport Malta fejn talabhom ifornuh bil-file li ghandhom fir-rigward il-karozza Peugeot 207 numru ta' registrazzjoni EBK 637. Minn dan hareg illi l-vettura in kwistjoni kienet giet registrata l-ewwel darba f'isem Percius Car Hire ltd u f'din il-kumpanija hemm sitt diretturi li huma Alexander Fenech, David Fenech, Frank Fenech, Mario Fenech, Saviour Fenech u Rose Muscat. Dawn kienu is-sitt Diretturi meta giet registrata ghall-ewwel darba il-karozza. Pero apparti dan ma kien hemm xejn iktar ghajr il-fatt illi hemm xi korrispondenza bejn Dr Kathleen Grima u Transport Malta.

Imbaghad l-ispettur baghat ghall-imputata nhar it-3 ta' Awwissu 2011.

Sussegwentement, Dr Kathleen Grima regghet baghtet ittra ohra fejn talbet biex ikomplu jinhargu l-akkuzi fil-konfront ta' Juanita Fenech u taghtu xi dokumenti ohra. Wahda minnhom kienet xi ittra li kien baghat Dr Stephen Thake f'isem Juanita Fenech lil Dr. Maria Cardona li kienet tirrapprezenta lil Percius Car Hire fejn talabha biex din il-vettura in kwistjoni tiggeded il-licenzja u l-insurance u ghamel accenn li l-kumpanija biss setghet taghmel dan minhabba illi huma kienu r-registered owners ta' din il-vettura. Din fornietu b'lista ta' kontravvenzjonijiet li kienu jikkoncernaw din il-karozza u kien hemm wiehed partikolari li gie deciz fil-21 ta' Frar, 2011 fejn ix-xufier instab hati minhabba ma kienx deher ghal *hearing* u kien hemm multa imposta fuqha ta' €69.65 u ma kienitx featured fir-records ta' Transport Malta u allura speci indagat kif il-licenzja tal-vettura setghet tigi renovata meta apparti kollox kien hemm dawn il-multi pending x'jithallsu qabel. Jidher illi imbaghad sussegwentement kien hemm xi petition li giet imdahhla minn Mario Fenech f'isem Percius Car Hire u kien hemm *acknowledgement* li intbaghat lil Percius Car Hire mill-Petition Board, din l-applikazzjoni tal-petition kienet giet imdahhla fit-18 ta' Gunju xi tlett gimghat wara li din il-licenzja ta' din il-vettura giet renovata. Ghalhekk Dr. Gima kienet regghet talbet biex jittiehdu proceduri kontra l-imputata.

Huwa kien ghamel indagini tieghu ma certu Jeffrey Crockford fil-kapacita tieghu ta' Motor Claim Manager mal-Elmo Insurance fejn talbu jfornih l-informazzjoni kollha relatata mal-claim li kienet ghamlet l-imputata li kienet giet maghmula lilhom fis-7 ta' April, 2011. Dan kien informah illi l-hsarat tat-third party biss kienu thallsu minhabba li ma kellhomx l-awtorizazzjoni tal-Percius Car Hire sabiex jirrangaw il-karozza taghhom stess li kienet qed issuq Juanita Fenech, Peugeot 207 bin-numru ta' registrazzjoni EBK 637, li Percius Car Hire qed ighidu illi hija taghhom u li Juanita Fenech ma kellhiex dritt izomm.

Huwa sadanitant kien ghamel indagini ukoll ma Atlas Insurance fejn talabhom jaghtuh l-informazzjoni kollha rigward din il-vettura in kwistjoni u certu Ivan Di Stefano kien ikkonfermalu li l-imputata fil-fatt kienet dahlet Motor Insurance Proposal form fit-23 ta' Mejju 2011 sabiex tixtri policy gdida tal-insurance fuq din l-istess vettura pero kienet giet kancellata xi jumejn wara minn Fenech stess. Pero dak in-nhar ma setghax jghidlu x'kienet ir-raguni minhabba illi l-file kien *put away*. In segwitu kienet kelmitu certu Marisa Polidano fejn din l-*insurance policy* kienet giet *cancelled* mill-imputata.

Huwa baghat ghal Juanita Fenech u wara li kien taha is-solita twissija u rrifjutat li tiehu parir legali, irrilaxxjat stqarrija. Ix-xhud esebixxa l-istqarrija tal-imputata li giet mmarkata bhala dok 1. Esebixxa dikjarazzjoni ta' rifjut ghad-dritt tal-parir legali qabel ma sar l-interrogatorju li giet mmarkata bhala dok 2. Esebixxa kwerela mibghuta minn Dr Kathleen Grima nhar il-21 ta' Gunju, 2011 li giet mmarkata bhala dok 3, kopja tal-Motor Insurance proposal li giet markata bhala dok 4 u kopja tal-Motor Claim form li giet mmarkata bhala dok5.

**Mario Fenech** Direttur tas-socjeta Percius Car Hire Ltd, xehed nhar it-3 ta' Dicembru 2012[2] u kkonferma li kien ghaddej minn proceduri ghas-separazzjoni minn ma martu l-akkuzata. Qal li kienu ilhom mizzewgin sa mis-sena 1983. Mistoqsi jekk qattx xtara rigal ghal martu jghid li z-zwieg taghhom xejn ma kien felici u kien jonfoq flus fuq it-tifel li kien jattendi l-iskola ta' St Edwards College. Qal li kien jixtrilha hwejjeg u kull ma kien hemm bzonn pero zgur ma tahiex rigal biex jiccelebra l-hamsa u ghoxrin sena zwieg ta' bejniethom.  Qal li fil-fatt kien jixtrilha hwejjeg, zraben tant li anke kellha madwar 100/150 par zarbun id-dar fi zmien wiehed. Qal li anke ghandu proceduri kriminali fil-konfront ta' martu ghaliex jghid li kienet serqitlu madwar €50,000.  Qal li kien hemm verament proceduri kriminali fil-konfront tieghu inizjati minnha.  Ikkonferma li din il-vettura tal-ghamla Peugeot 207 Cabrio kienet tinkera ukoll f'xi zmien kif jista jigi ppruvat minn huh li kien lest jixhed wkoll. Din il-vettura ghandha 'K' fl-ittri tar-registrazzjoni taghha ghaliex tifforma parti mill-fleet tal- karozzi tas-socjeta Percius. Kienet anke tinstab fuq *web site* u *price list* taghha izda dakinhar meta xehed ma baqghetx ghaliex qieghda *off the road*.  Qal li huwa juza il-karozzi li jkun hemm li ukoll jew ghandhom 'K' jew 'QZ 'fir-registration plate taghhom.  Ix-xhud sostna wkoll li David ghandu vettura tal-ghamla BMW numru ta' registrazzjoni DAV 320 u n-nisa tad-diretturi m'ghandhomx karozzi li ghandhom in-number plate bl-ittra 'K'. Il-vetturi bl-ittra 'k' fuq ir-registration taghhom huma tal-kumpanija. Inxtraw minnha u huma iffinanzjati minnha ukoll.  Meta xi mara ta Direttur taghmel uzu minn vettura tal-kumpanija u l-kumpanija ikollha bzonnha icemplulha u tingieb lura lis-socjeta f'qasir zmien.  Bhala cabrios hemm ukoll Mercedes SLK biss pero ma tantx tintuza.  Ikkonferma li fis-sena 2008 l-vettura Peugeot kienet fuq il-website.

---

2 Fol. 29 ta' l-atti

Qal li l-karozza Peugeot 207 spiccat ghand l-akkuzata ghaliex kien ihalliha taghmel uzu minnha, pero gieli kienet tirritornaha u taghmel uzu minn ohra. Qal li fil-prezent din il-vettura ghandha 80% vandalizmu fuqha kif del resto jirrizulta mis-survey ordnat mill-Qorti fejn hemm konfermat li din il-vettura hija kwazi beyond economical repair. Is-seat tan-naha tad-driver qisu gidmu kelb, imcarrat. Dawra tond hija sfrakassata tant li l-pulizija kienu jghidulha din il-karozza mhux road worthy. Ghandha fanali imkissrin u bla numru fuq quddiem.

In kontro ezami jghid li din il-vettura kienet torqod jew ghandhom fid-dar taghhom jew fil-garage tal-Percius. Jghid li huwa ghamel uzu taghha divesi drabi. Jghid li huwa kien talab lil martu ghal vettura meta gew biex jisseparaw u din wegbitu li ‘mhux qabel nghamililkom zibel.’ Qal li huh Frank, il-Managing Director tas-socjeta Percius kien ukoll ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija ta’ B’kara biex hija tirritorna l-karozza lil Percius. Anke mandat ta' qbid fuqha hargu izda dan il-mandat sussegwentement gie revokat. Mistoqsi jekk kienx hareg polza ta' sigurta fuqha, jghid li sar jaf li kienet harget wahda mill-Atlas Insurance.  Qal li l-log book ta’ din il-vettura hu mizmum mill-kumpanija flimkien ma dawk tal-fleet u dan qatt ma gie fil-pussess tal-akkuzata. Mistoqsi jekk informax lil Transport Malta li din il-vettura minkejja li ghandha l-’K’ qeda tintuza minn mart Direttur, jghid li le ghaliex kull car hire operator ihallu membri tal-familja isuqu l-vetturi tal-kumpanija. In oltre stqarr li kien hemm diversi okkazzjonijiet meta din il-vettura inkriet kif ser jirrizulta mir-rental agreements li kien ser jesebixxi huh.

**Marisa Polidano** xehdet nhar it-3 ta Dicembru, 2012[3] u spjegat li hija Manager mal-Atlas Insurance fir-rigward djar, karozzi, dghajjes u travel. Murija

3 Fol. 45 tal-atti

id-dokument 4 u 5 tghid li din hija l-proposal form li timtela biex tigi assigurata vettura. F’dan il-kaz kienet i-vettura tal-ghamla Peugeot 207 numru ta’ registrazzjoni EBK 637. Qalet li l-*proposer* hija Juanita Fenech u l-polza harget nhar it-23 ta’ Mejju 2011 u saret quddiem Loredana Lapira. Hija kellha l-original ta' dan id-dokument u giet esebita fl-atti u mmarkat bhala dok 6. Dan hu l-original tad-dokument markat bhala dok 4. Qalet li huma jghamlu numru ta’ domandi lill-klijent, u l-kliijent jiffirma ghalihom. Jekk il-kllijent jghidli li jkun instab hati ta' xi sentenza mill-Qorti huma jidhlu f’iktar dettal qabel ma tinhareg il-polza. Huma ma jivverifikawx jekk l-applikant ikunx sid il-vettura jew le u lanqas ma jitolbu ghal log book.

Taf li l-vettura EBK 637 kienet wahda registrata ghal kiri pero tghid li l-klijenta u cioe l-akkuzata riedet tohrog assigurazzjoni biex tkopriha ghad-danni ta' terzi u ghamluhielha, sabiex jekk jinqala’ xi haga waqt li tkun qed issuqha tkun koperta. Tispjega li hemm hafna nies li ghandhom K registration u juzawha personali ukoll. Qalet li ma kienitx hi li imliet l-formola izda hija kienet qed twiegeb ghan-nom tal-Atlas Insurance. Qalet li din il-polza giet ikkancellata ftit wara ghax il-vettura giet garaxxjata. Claim fuq din il-polza qatt ma kien hemm.

Din il-polza harget fuq is-sewwieqa kollha ‘l fuq minn hamsa u ghoxrin sena. Claims fuq din il-vettura qatt ma kien hemm izda komunikazzjoni dwarha kien hemm tant li Dr Kathleen Grima kienet talbet ghal kopja ta’ din il-polza u anke George Borg Cardona kellimha dwarha. Tghid li kienet taf li jigi missier l-akkuzata u kien tkellem maghha direttament fejn kien spjegalha id-diffikulta li kellha bintu sabiex iggedded il-licenjza ta din il-vettura. Kien qalilha li kien hemm kaz ta’ separazzjoni u li ma xtaqux li ihallu din il-vettura minghajr ma tkun koperta b’xi polza. Tiftakar li kien certu John Bonnett li qalilha sabiex tghin lil George Borg Cardona u wara li tkellmet mieghu irreferiet il-kaz ghad-dipartiment relattiv sabiex tinhareg il-polza. Dan sar kollu fl-istess gurnata u l-hlas relattiv sar dakinhar zgur. Tghid li jista jghati l-kaz li meta hargu l-polza

huma, l-polza antika kienet ghadha ghaddejja. Huma ma dahlux fil-kwistjoni tar-road license; hallew tali materja f'min kienet assikurata l-vettura. Kienu jafu li l-vettura ma kienitx tas-sinjura Fenech. Qalet li l-akkuzata iffirmat l-formola hija stess bhala sid il-vettura.

**George Stagni Navarro,** rappresentant tal-Elmo Insurance xehed nhar il-25 ta' Frar 2013[4] u jghid li mid-dokumenti li ghandu jirrizulta li kienu hallsu ghal xi hsara li kien hemm fuq claim number 11A0290 rigward third party biss ghaliex il-hsara tal-karozza ma gietx annessa u dan minhabba il-claim ma kienitx iffirmata mill-assikuratur. It-third party kien sid ta' truck numru ta' registrazzjoni CAD 225 li kien ighajjat lil certu Tarcisio Xuereb ta' 244, Saverio Mifsud Street, B'kara. Dan it-truck kien habat mal-vettura EBK 637 proprjeta ta` Frank Fenech ta` Percius Car Hire. Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bin-numru 8 li ghandhom x'jaqsmu mal-claim li tikkonsisti f'kopja ta claim form, kopja ta' police report u ritratti.

**Stephen Cachia** xehed in rappresentanza ta' Transport Malta nhar il-25 ta' Frar 2013[5] u jghid li kien gie mitlub sabiex jesebixxi il-file tal-vettura EBK 637 u l-lista tac-citazzjonijiet li hemm fuq din il-vettura. Mir-ricerka li ghamel irrizulta li din il-vettura hija Peugeot 207 ta' kulur abjad registrata f'isem Frank Fenech ghan-nom ta' Percius Car Hire u kienet ilha hekk registrata sa mill- 5 ta' Gunju 2007 u sakemm ghamel ir-ricerka l-ammont ta' kontravvenzjonijiet kien jammonta ghal €431.13. Dan il-file gie mmarkat bhala dok numru 9.

Ix-xhud rega xehed nhar it-12 ta' April 2013 u spjega li l-ahhar licenzja valida li kien hemm fuq din il-vettura skadiet fis-sena 2012 u ikkonferma li kien hemm

---

4 A fol. 59 tal-atti.

5 Xehed a fol. 77 tal-atti.

l-ammont ta' €431.13 pendenti bhala citazzjonijiet. Dawn huma *fines unpaid* u qed jigu mmarkati bhala dok Number 10. Spjega li biex tiggedded il-licenzja, iridu jithallsu ic-citazzjonijiet.

Ix-xhud rega xehed nahr is-7 ta Novembru 2017 u kkonferma li l-inkartament ta' Ignazio Borg li hemm esebit fil-file mmarkat bhala dok number 10  ta' EBK 637 m'ghandux x'jaqsam mal-kaz odjern.

**Dr Amanda Poole** xehdet nhar it-12 ta' April 2013[6] in rappresentanza tal MFSA u pprezentat il-Memorandum & Articles tas-socjeta Percius Car Hire, liema dokument  gie mmarkat bhala dok 11 u lista tad-Diretturi tas-socjeta li giet markata bhala dok 12.

**Alex Fenech** xehed nhar it-8 ta' Lulju 2015[7] u esebixxa dokumenti li ghandhom x'jaqsmu mal-vettura EBK 637 konsistenti f'*rental agreements.* Dawn id-dokumenti gew mmarkati bhala dok AF. Huwa esebixxa ukoll il-log book u l-kuntratt ta' akkwist li gew mmarkati bhala dok AF1 u AF 2 rispettivament. Jghid li din il-vettura kienet qed tigi uzata minn Juanita Fenech. Nelfrattemp giet intavolata is-separazzjoni taghha minn ma zewghha u ghalhekk talbuha sabiex ittihom l-vettura lura u ma riditx. Spjega li kull min ikollu bzonn jghamel uzu minn karozza tal-kumpanija jekk ikun hemm wahda *available* dan l-uzu isir. Izda jekk ikollhom bzonnha, johduha lura u jaghtuha ohra jekk ikun hemm il-htiega. Meta inxtrat din il-vettura, Juanita Fenech u Mario Fenech kienu ghadhom mizzewgin u problemi bejniethom dak iz-zmien ma kienx hemm.

6 Xehedet a fol. 84 tal-atti.

7 Xehed a fol. 98 tal-atti.

Ikkonferma li Juanita gieli kienet issuq karozzi ohra tal-kumpanija skond l-esigenzi tal-kumpanija u l-bzonn ta' dak li jkun. Huma talbuha din il-karozza ghaliex kellhom il-kirja taghha. Qal li fuq din il-vettura kien hemm madwar 31 ticket li ma thallsux. Il-vettura kienet imdamdma u kellha hafna hsart u riedu jirrangawha. Qal li l-polza ta' sigurta li nharget fuqha ghandha hafna inezattezzi. Qed issir referenza ghad-dok 3 a fol. 18 u jghid li dik hija l-kwerela li ntbaghtet ghan-nom tas-socjeta Percius. A fol. 55 jghid li hemm ukoll kopja tal-polza ta' assikurazzjoni li ma hiex kontestata. Jghid li minkejja dak li hemm miktub fuq il-polza, il-vettura ma hiex tal-akkuzata izda tas-socjeta Percius. Hemm miktub li Juanita ma kellhiex incidenti meta fil-fatt kellha incident b'dik l-istess vettura. Jispjega li ma jafx kif il-vettura kienet koperta b`polza ta' assikurazzjoni third party ghaliex meta karozza tkun tal-kiri l-polza trid tkun fully comprehensive. Sa fejn jaf hu, l-vettura kienet kollha imkissra ghand l-akkuzata. Meta kienu talbuha lura, originarjament l-istat tal-vettura ma kienx hazin kif inhi dakinhar meta xehed.

**John Galea** xehed nhar il-31 ta' Mejju 2016[8] in rappresentanza tal-LESA u stqarr li kien gie mitlub jipprezenta il-*pending fines* li kien hemm fuq il-vettura EBK 637. Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dok JG fejn ikkonferma li l-vettura kienet registrata fuq Frank Fenech. Ikkonferma li kienu saru hafna petitions fuq dawn il-fines u fejn hemm imnizzel BOP tfisser li gew *withdrawn.*

**L-Spettur Elton Taljana** xehed nhar is-7 ta' Marzu 2017[9] u kkonferma li huwa kien involut f'investigazzjoni fil-5 ta Novembru 2010 fejn kien investiga lill-akkuzata minhabba rapport falz illi ghamlet lill-pulizija. Hija kienet giet akkuzata li ghamlet hsara lil persuna meta kienet taf li kienet innocenti. Huwa

8 Xehed a fol. 141 tal-atti.

9 Xehed a fol. 157 tal-atti.

kellu fotokopja tal-akkuza li giet mmarkata bhala dok ET u l-ewwel dehra taghha kien fl-20 ta Jannar 2011 kif jirrizulta mid-dok ET1. Huwa pprezenta ukoll kopja tal-verbal tal-Qorti tal-20 ta Jannar 2011 li gie mmarkat bhala dok ET2. Jghid li fil-11 ta' Mejju 2011 l-proceduri kienu ghandhom ghaddejjin fil-konfront tal-akkuzata. Is-sentenza inghatat nhar il-21 ta Jannar 2014.

**Stephen Mallia**, rappresentant tal-LESA xehed nhar is-7 ta' Novembru 2017[10] u pprezenta dokument li gie mmarkat bhala dok SM li huma l-petitions li gew mibghuta mill-akkuzata li ma gewx milqugha u l-bqija hemm il-flus li gew imhallsa minnha. Meta hemm miktub *guilty no show* tfisser li dak li jkun gie notifikat ikun naqas li jidher quddiem it-Tribunal biex jikkontesta it-*ticket* u wara taghmel petition lil Bord. Ikkonferma li l-licenzja ma tkunx tista tiggedded qabel ma jithallsu l-multi.

**Loredana Lapira** xehdet nhar is-16 ta' Mejju 2018[11] ghan-nom u in rappresentanza ta` Atlas Insurance. Murija id-dokument number 6 a fol. 55 tghid li huwa l-kuntratt tal-insurance meta dak li jkun ikun mar biex johrog polza f'dan il-kaz fuq Juanita Fenech. Mistoqsija jekk tgharafx lil Juanita Fenech fl-awla tghid li le l-kaz kien ilu li sehh mis-sena 2011. Tghid li mhux bilfors din il-polza giet iffirmata quddiemha. Tghid li verament hemm domanda fil-polza maghmula lill- assigurat jekk kienx involut f'incident tat-traffiku qabel u din tghid li le u jekk isiru jafu li ma jkunx minnu dak li ikun kiteb l-assikurat jistghu jiehdu hafna passi fosthom li ma igeddux il-polza. Pero jekk ikun accident huma jhallsu dejjem ghaliex jinzammu legalment responsabbli. Hi tghid li ma tafx kif inhi l-firma ta' Juanita Fenech u lanqas il-persuna ma taf. Kull ma setghet taghmel hu li taqra dak li kien hemm fuq il-polza esebita.

10 Xehed a fol. 178 tal-atti.

11 Xehedet a fol. 193 tal-atti.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Novembru 2018 (fol. 201) fejn innominat bhala espert tekniku tal-kaligrafija lil Joseph Mallia biex jghamel l-accertamenti kollha mehtiega tal-professjoni tieghu b'referenza ghall-firma li tidher a fol 57 allegtament ta' Juanita Fenech u jirraporta jekk dik il-firma hiex tal-persuna indikata.

Rat li nhar l-4 ta' Dicembru 2018 kien deher quddiem il-Qorti l-espert **Joseph Mallia** fejn talab li jiehu l-kampjuni tal-kaligrafija u l-firma tas-sinjura Fenech. Jghid li wara ikun hemm bzonn ta' seduta ohra biex fil-presenza tal-avukat taghha jiehu t-tieni *sample* ta kontrolli biex isiru kontrolli bejn l-ewwel samples u t-tieni samples u ikun jista ighaddi ghar-rapport. Huwa dakinhar seduta stante rtira id-dokument a fol 57.

Fit-12 ta' Marzu 2019[12] ix-xhud espert **Joseph Mallia** rega xehed u qal li kien ghamel ezami komparattiv bejn iz-zewg kampjuni li huwa kellu u sab illi l-konsistenza kemm fil-firma kif ukoll fil-kitba tas Sinjura Fenech kienet konsistenti fiz-zewg okkazzjonijiet. Ghalhekk huwa ghamel l-ezami komparattiv li gie mitlub jghamel u stqarr li l-firma li hemm a fol. 57 ma jaqblux mal-firma ta' Juanita Fenech li kienet giet moghtija nhar l-4 ta' Dicembru 2018 u f'Jannar 2019. Huwa pprezenta ir-rapport tieghu li gie mmarkat bhala dok. JM.

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni Dok JM esebita a fol. 214 et seq, jirrizulta li hemm nuqqas kbir u diskrepanza bejn il-firma a fol. 57 tal-process u l-firma mehuda minnu tal-akkuzata fiz-zewg seduti mizmuma minnu ghal dan il-ghan.

12 Xehed a fol. 212

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta’ Jannar 2023 fejn id-difiza talbet li in vista ta' l-izviluppi gudizzjari, il-Qorti joghgobha tiskarta bl-aktar mod assolut l-istqarrijiet moghtija mill-imputata.

Dan hu bazikament dak li rrizulta f’dan il-procediment.

**Ikkunsidrat**;

Illi f’dan l-istadju jehtieg li jigi ndirizzat punt procedurali qabel ma ssir analizi tal-evidenza u l-valur probatorju taghha.

Illi din il-Qorti sejra tiskarta kompletament l-istqarrijja li l-imputata tat lill-investigaturi nhar il-31 ta` Mejju 2012 u qed tqis tali stqarrijja bhala li ma ghandha ebda valur probatorju; u dana fuq li skorta ta` sentenzi fir-rigward u cioe ghar-raguni illi l-imputata kienet irrilaxxjat tali stqarrijja meta ma kienitx assistita minn avukat.

Illi ukoll, din il-Qorti qed tiskarta kompletament dik il-parti tax-xhieda li kien ta l-ispettur Maurice Curmi, fejn fid-depozizzjoni tieghu ix-xhud jaghmel referenza ghall-istqarrijja ta` l-imputata, u wkoll ghal dak li setghet qaltlu l-imputata – u dana ghar-raguni gia msemmija fil-paragrafu precedenti.

**Ikkunsidrat**;

Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali, li s-succint taghhom gie indikat fil-parti precedenti, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-prosekuzzjoni ma

rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha kontra l-imputata skond il-Ligi. Dan hu l-kaz klassiku fejn il-prosekuzzjoni tkun waslet sal-grad tal-probabbli; u cioe` li x'aktarx iva milli le, li kienet l-imputata li (riferibbilment ghall-*motor insurance proposal form* in kwistjoni), ghamlet il-falz, ghamlet dikjarazzjonijiet foloz u li ghamlet uzu minn tali dokument kompromess. Pero`, ghall-ligi penali, dan il-grad ta` prova ma huwiex sufficjenti sabiex a bazi tieghu tkun tista tigi ddikjarata l-htija.

F'dan il-kuntest din il-Qorti tqis li dak li xehed u sab teknikament l-espert nominat Joseph Mallia, marbut ma dak li jixhdu x-xhieda tal-prosekuzzjoni Loredana Lapira u Marisa Polidano, huma flimkien il-qofol ghar-rizoluzzjoni ta` din il-kawza. U l-ezitu allura ghandu jkun, legalment, li Qorti ta` Gudikatura Kriminali ma tistax tistabbilixxi l-htija skond il-ligi, f'dan il-kaz kontra l-imputata odjerna.

**Konkluzjoni.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib u tiddikjara lil Juanita Fenech mhux hatja ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u minnhom tilliberaha skond il-Ligi.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Bernardette Zammit

Deputat Registratur